# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 12 ta’ 2021, miżmuma nhar l-10 ta’ Diċembru 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa u kwart ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Viċi President |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | | Membru |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | (online) | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | (online) | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | (Online) | Membru |

Membri Skużati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | | Member |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | (online) | Membru |

Preżenti ukolll kien hemm is-Sur Clifford Galea u s-Sur Stephen Gatt

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Omar el Arab | Pembroke LC | Membru Delegat |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

8.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

8.3 Komunikazzjoni tal-President;

8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

8.5 Kumunikazjoni

8.6 Rapporti;

8.7 Affarijiet oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

- 12.7.1 Parking policy doc
- 12.7.2 Performance bonus
- 12.7.3 Christmas lights assistance scheme
- 12.7.4 New Year’s Eve welcome fireworks scheme

8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

8.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-18:30hrs. Is-Sur Mifsud fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t’ Apoloġiji

Is-Sinjuri Abraham Aquilina, Matthew Chetcuti u Mary Anne Abela kienu skużati. Is-sinjuri Peter Sant Manduca u Omar El Arab kienu assenti.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 11 ta’ 2021, miżmuma f’Novembru, ittieħdu bħala moqrija. Christianne Mifsud ipproponiet li jkunu approvati. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajma mill-minuti:

### Komunikazzjoni mil-President

Il-President Anton Mifsud faħħar lill-istaff tax-xogħol tajjeb fuq il-Festival - Reġjun Tramuntana The Malta International Christmas Choir Festival, li kien avveniment sabiħ u tajjeb ħafna minkejja r-restrizzjonijiet preżenti. Il-President irrimarka għan-nuqqas t’ attendenza min-naħa tal-Kunsilliera Lokali. Irrimarka li kien hemm attendenza tajba mill-barranin.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Romida B Zarb ġibdet l-attenzjoni li hawn inġustizzja fejn jidħlu parking bollards, b’Kunsilli jużaw dawn u oħrajn ma jitħallewx minn TM. Talbet li ssir diskussjoni ma’ TM u jkun iċċarat il-pożizzjoni rigward dawn il-bollards.

– Komunikazzjoni

– Rapporti

– Affarijiet oħra

Parking Policy Document – Il-Membri talbu biex ikun hemm aktar żmien ta’ konsultazzjoni għal dan id-dokument. Il-President intalab ikellem lill-AKL biex dan id-dokument ikun estiż għad-diskussjoni sal-aħħar ta’ Jannar.

Fil-kuntest tal-parkeġġ, Romilda B Zarb ġibdet l-attenzjoni li l-iskejjel kellhom jinfetħu għall-użu tal-pubbliku filgħaxija, iżda dan ma kienx qed isir. Is-SE ser jitlob laqgħa mal-Ministeru u FTS biex tkun diskussa din il-materja.

Performance bonuses:
Il-President ippropona li l-performace bonuses tal-ħaddiema, hekk kif proposti mis-SE ikunu approvati. Raymond Schembri issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unaniment.

Il-President ippropona li s-SE jingħata Performace Bonus ta’ 10%. Christianne Mifsud, u John Buttigieg issekondaw il-mozzjoni. Il-Membri qablu unanimament.

Xmas decorations scheme. Numru ta’ Kunsilli kienu applikaw għal din l-iskema. Il-President ippropona li jingħataw ġimgħa oħra ċans, minħabba li wħud minnhom ma leħqux minħabba l-kuntratturi. L-istess japplika għall-iskema tan-nar tal-ewwel tas-sena.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 145 kienet preżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Christianne Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-sebgħa u nofs ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 12 ta’ Jannar 2022, fis-sitta ta’ filgħaxija.

______________________________ ______________________________

Clifford Galea — George Abdilla
President — Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum 12 ta’ Jannar 2022.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt